

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0025/09

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Jan Marinus Wiersma u Erika Mann f'isem il-Grupp PSE, Daniel Caspary u Robert Sturdy f'isem il-Grupp PPE-DE, Cristiana Muscardini u Eugenijus Maldeikis f'isem il-Grupp UEN  
lill-Kummissjoni

Suġġett: II-Ftehma Kummerċjali Interim (ITA) bejn I-UE u t-Turkmenistan

Tista' l-Kummissjoni tispjega lill-Parlament Ewropew:

1. X'inhuma r-raġunijiet konkreti għaliex il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat li jkun iffirmat I-ITA issa?
2. Għaliex il-Kummissjoni trid tkompli b'dan il-proċess b'kunsiderazzjoni għas-sitwazzjoni ġenerali fit-Turkmenistan? B'mod partikolari, fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u l-libertà tat-twemmin?
3. X'kummenti tagħmel il-Kummissjoni dwar id-diversi rapporti ta' NGOs u l-vuċċijiet relevanti fit-Turkmenistan dwar is-sitwazzjoni ġenerali fil-pajjiż?
4. Liema titjib konkret se jkollha I-ITA fuq ir-relazzjoni bejn I-UE u t-Turkmenistan? Fuq liema bażi l-Kummissjoni temmen li I-UE se jkollha suċċess fil-progress tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkmenistan wara li tkun konkluża ITA? Għaliex temmen li l-konklużjoni ta' ITA huwa mod iktar effettiv għall-UE biex il-kawża tad-drittijiet tal-bniedem fit-Turkmenistan tagħmel progress?
5. Liema titjib konkret jista' jkollha I-ITA fuq is-sitwazzjoni fit-Turkmenistan, speċjalment fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija? Il-Ftehma ta' Koperazzjoni u Sħubja (PCA) se tinkludi klaw sola sospensiva u ċara dwar id-drittijiet tal-bniedem?
6. Il-Kummissjoni se tissospendi I-ITA meta dan ikun mitlub mill-Parlament Ewropew? Il-PCA se tinkludi klaw sola ta' reviżjoni?

Imressqa: 13.02.2009

Mibgħuta: 17.02.2009

Skadenza: 24.02.2009